MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru 881/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**vs**

**STEVE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEVE SPITERI** ta’ tlieta w ghoxrin sena bin missier mhux maghruf u Maria Spiteri, mwieled Pieta nhar s-sebgha t’Awwissu 1981 u residenti 13, Triq il-Kbira, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita li ggib n-numru 435381M, gie mressaq quddiemha u akkuzat:

1. Talli fl-ghaxra t’Ottubru 2004, fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, fil-hinijiet ta’ bejn il-hamsa ta’ filghodu w il-hamsa w nofs ta’ filghodu bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni billi dolozament bil-hsieb li jikkommetti omidicju, jew li jqighed il-hajja f’perikolu car ta’ Ronnie Spiteri minn B’Kara, taha bidu

ghal esekuzzjoni tad-delitt liema tentattiv t'omicidju ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car ta' Ronnie Spiteri, taha bidu ghal esekuzzjoni bil-hsieb u b'atti esterni sabiex jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Ronnie Spiteri minn B'Kara sabiex jikkagunalu offizi gravi;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt il-hin tal-arrest ghal ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari u cioe revolver tal-ghamla Smith & Wesson ta' kalibru 38mm w erbgha balal ta' kalibru 38mm;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resiztenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PC 756 Johann Xuereb u PC 1194 Christopher De Brincat u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza arma regolari u cioe revolver tal-ghamla Smith & Wesson kalibru 38mm li zamm fuqu sabiex jghin dan l-attakk u b'hekk il-vjolenza wzata titqies vjolenza pubblika;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan s-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess ufficcjali tal-pulizija msemmija;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex

jew fixkel waqt li jkunu jghamlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar u gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizja bhala awtorita kienu ghamlu;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, stieden ghal glied lil membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija hawn fuq;

10. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha;

11. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Ronnie Spiteri, u dan skond ma ccertifika Doctor Agius MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

12. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb sabiex jingurja jew jaghmel hsara lil istess Ronnie Spiteri;

13. Talli nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004, ghal habta tal-hamsa ta' filghodu fi Triq San Gorg, San Giljan u fil-granet ta' qabel, f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon f'post li jaghmel mieghu u fuq il-persuna tieghu u cioe revolver tal-ghamla Smith & Wesson li ghandu n-numru tas-serie 704698, kalibru 38mm kif wkoll erbgha balal ta' kalibru 38mm;

14. Talli fl-istess data, hin u post kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon u cioe revolver li ghandu n-numru tas-serie 704698, kalibru 38mm kif wkoll erbgha balal ta' kalibru 38mm xort ohra milli b'licenzja u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lil Kummissarju tal-Pulizija;

15. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi zamm arma u munizzjon minghajr l-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija li huma maghmula ghad-difiza;

16. Talli f'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli nhar l-ghaxra t'Ottubru u fil-granet ta' qabel u jew f'xi dati qabel nstab xjentement li kellu fil-pussess tieghu jew taħt il-kontroll tieghu revolver tal-ghamla Smith & Wesson li ghandu n-numru tas-serie 704698, kalibru 38mm kif wkoll erbgha balal ta' kalibru 38mm u liema mportazzjoni t'oggetti hija projbita u jew ristretta bil-valur tar-revolver mhux maghruf u l-valur fuq il-balal mhux maghruf;

17. Talli bi ksur tal-Att XIII tas-sena 1998 dwar t-Taxxa tal-VAT, liema valur tar-revolver jammonta ghal valur mhux maghruf u l-valur tal-balal ta' kalibru 38mm mhux maghruf ta' Taxxa Mizjuda li ma thallasx jammonta ghal valur mhux maghruf;

18. Talli nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 gewwa l-isptar San Luqa ghal habta tad-disgha w nofs ta' filghodu u cioe gewwa Ward M2 ingurja jew hedded lil persuna ta' PC 1268 Ivan Caruana bhala persuna li huwa nkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

19. Talli huwa rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija ufficcjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija u ta' Ronnie Spiteri kif jidhriilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom s-sentenza moghtija mill-allura Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003 fil-konfront tal-imputat odjern u ohrajn li jinsabu esibiti a fol 165 et seq.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja ta' Gunju 2006 (fol. 211) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 (fol. 215) li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sbatax ta' Settembru 2009;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jinghad li ghalkemm l-imputat taha l-kunsens tieghu fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Gunju 2006 sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti ttratjena hafna sabiex iressaq il-provi tad-difiza tieghu u sahansitra anke biddel l-avukat difensur tieghu erba' darbiet u kien ghalhekk li din is-sentenza damet daqstant sabiex tinghata.

Illi huwa minu li l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat il-Qorti nhar is-sbatax (17) t'Otttubru 2004 izda mill-wiehed w ghoxrin (210 ta' Gunju 2006 'l quddiem din il-kawza giet ripetutament differita minhabba ragunijiet imputabbli lill-imputat.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2004 xehed **Doctor Dorian Xuereb** (fol. 35) fejn qal li hu kien ezamina lil imputat nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 ghal habta tad-disgha ta' filghodu fl-isptar San Luqa fid-dipartiment tal-Emergenza. Qal li hu rriskontra li l-imputat kien qed ibati minn diversi daqqiet fir-ras, fl-ghonq, fis-sider u fiz-zaqq u kien qed jilmenta minn uġigħ. Qal li pero minn ezami kliniku li ghamillu ma kien hemm ebda ndikazzjoni li fl-fatt kien hemm dawn il-feriti u hu qaghad biss fuq dak li qallu l-pazjent. De viso hu ma ra l-ebda ferita. Dan nonostante pero sussegwentement sarulu diversi testijiet, ittehidlu X Rays w ultrasound w inzamm l-isptar ghal aktar osservazzjoni.

Spjega li dakinhar stess ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar saritlu konsulta mat-tabib tal-ENT pero l-ezami kien wiehed posittiv fis-sens li ma kien hemm xejn ta' barra minn hawn u fis-saghtejn ta' wara nofsinhar il-pazjent iddecieda li jitlaq lejn d-dar *discharged at own request*. Qal li dakinhar stess sussegwentement, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar, l-imputat rega' kellu uġigħ fiz-zaqq w inzamm ghal aktar osservazzjoni. Qal li kienu jafu li kellu xi gebla fil-kliewi jew problemi fis-sistema urinarja tieghu w inzamm ghal aktar stharrig. Qal li l-imputat gie riferut fis-sala tal-urology u hemm sarlu X Rays biex jaraw is-sistema tal-awrina tieghu pero ma wera ebda *abnormality* u gie sussegwentement *discharged*. Zied jghid li jumejn wara fit-tnax (12) t'Ottubru 2004, l-imputat rega' dahal l-isptar b'uġigħ fil-kliewi, diarrea u hruq fl-awrina w inzamm ghal osservazzjoni, ippruvaw jaghmlu testijiet billi jaghtuh trattament permezz ta' *catheter* u l-pazjent rrifjuta dan t-trattament u ma riedx jiffirma lanqas ir-*refusal of treatment form*. Qal li b'dan gie nfurmat s-Supretendent tal-isptar Doctor Bartolo u peress li l-pazjent la ried *treatment* u lanqas jiffirma r-*refusal form*, gie mibghut d-dar.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2004 xehed **PC 1194 Christopher De Brincat** (fol. 37) fejn qal li nhar s-Sibt, 9 t'Ottubru 2004 hu kien xoghol *night watch* Paceville flimkien mal-Ispettur Therese Sciberras, PS 78 Joseph Cremona u PS 1244 Nicolai Sant w ghal habta tal-hamsa w ghoxrin ta' filghodu tal-10 t'Ottubru 2004, inqalghet glieda fi Triq San Gorg quddiem l-istabbiliment Peroz.

Qal li l-glieda bdiet bejn l-imjputat li gharaf presenti fl-awla u certu Ronald Spiteri. Qal li ghal ewwel bdew jitlewwmu bil-kliem u sussegwentement hu ra li l-imputat jipprova johrog xi haga minn naha tal-lemin ta' dahru b'idu l-leminija. Qal li hu ra dan kollu waqt li l-imputat kien fil-kumpanija ta' Josianne Farrugia u din ippruvat zzommlu idejh milli johrog l-oggett li kellu wara dahru, pero xorta rnexxielu johrog *revolver* tal-ghamla Smith & Wesson 38 special b'erbgha *live bullets* go fih, liema *revolver* jesa hames *bullets*. Qal li l-imputat zamm din l-arma mill-

*barrel*, taha daqqa lil Ronnie Spiteri fuq imniehru w ghajnejh.

Qal li l-imputat sussegwentement dawwar l-arma w ippuntaha lejn Ronnie Spiteri. Qal li dan l-incident sehh xi ghoxrin pass quddiemu u meta l-imputat ppunta l-arma lejn Ronnie Spiteri, hu (ix-xhud) kien wasal proprju mieghu u b'idejh (tax-xhud) ix-xellugija zamm lil imputat minn ghonqu u b'idu l-leminija qabadlu l-arma minn idejh. Qal li peress li l-imputat kellu aktar *reach* minnu, l-imputat lahaq gibed l-grillu pero l-arma ma haditx. Qal li sussegwentement l-arma giet konfiskata u wara sar jaf li l-*hammer* taghha kien bil-hsara.

Ix-xhud kompla jghid li meta hu zammlu l-arma, appena hu spara, waslet fuq il-post l-ghajnuna ta' PS 756 Johann Xuereb li rnexxielu jdawwarlu l-arma u l-arma ma telaqhix u spiccat ma zaqqu (zaqq ix-xhud). Qal li hu dak l-hin bezgha w imbotta lil imputat mal-art u PC 756 Johann Xuereb nizel mal-art mieghu u hu (ix-xhud) qabez fuqu u hadlu l-arma. Qal li l-imputat irrezista u PC 756 Johann Xuereb weġġa idejh. Zied jghid li wara li hadulu l-arma irnexxilhom izommuh u l-vittma ta xi daqqiet lil imputat li dak l-hin kien mal-art. Qal li sussegwentement l-pulizija zammew lil vitma u l-imputat tpogga fil-vann filwaqt li hu (ix-xhud) baqa' barra bl-arma ghax ma fdahiex f'idejn hadd, fetaħha u sab li kienet tesa hames *bullets* pero kellha erbgha. Qal li l-vojt kien maqsum jigifieri l-arma kienet fuq il-*live*.

Qal li meta kien ma gemb l-bieb tal-vann, l-imputat beda jheddidhom b'hajjithom u jinsulenthom u jheddidhom b'hajjithom li kien ser joqtolhom jigri x'jigri. Zied jghid li waqt li kienu qed isuqu lejn l-ghassa, l-imputat kien qalilhom li kien lest li joqtolhom lanqas jekk jaghmel ghoxrin sena l-habs. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat qalilhom wkoll li kien il-habs ghal erbgha snin u li ma kienx jibza mill-habs.

Stedinhom ghal glied u beda jghidilhom kliem mhux xieraq bhal 'pufta', u 'purcinell' u kliem iehor oxxen diversi drabi u baqa' jiccalinghom avolja kien immanettjat u kien bl-

assistenza ta’ pulizija ohra li rnexxielhom iressquh ‘l hemm. Ix-xhud qal li hu baqa’ bl-identifikazzojoni tieghu ta’ pulizija matul l-incident kollu u kien liebes l-uniformi tul l-incident kollu tant li meta l-imputat beda jirrezistih spicca qattghalu l-qmis tieghu (tax-xhud). Ix-xhud esibixxa l-arma ‘n kwistjoni minghajr *safe* u l-erbgha *bullets* in kwistjoni li gew immarkati bhala Dok. REV. Qal li s-*serial number* ta’ din l-arma huwa 704698 u hi kalibru .38mm.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t’Ottubru 2004 xehdet l-**Ispettur Therese Sciberras** (fol. 40) fejn qalet li nhar d-disgha (9) t’Ottubru 2004, hi kienet *night watch* stazzjonata Paceville u kienu pparkjaw il-vann hdejn l-istabbilment Peroz fi Triq San Gorg. Qalet li hemmhekk, ghal habta tal-hamsa ta’ filghodu tal-Hadd, ghaxra (10) t’Ottubru 2004, kienu hdejn il-vann u raw zewg minn nies jitlewwmu bl-idejn u marru sabiex iwaqqfuhom u jferrquhom u f’mument minnhom irnexxielhom. Qalet li l-imputat presenti fl-awla kien agitat hafna u kellha bzonn tlett minn nies biex ighinuha jappartawh. Qalet li hi rat lil PC 1194 Christopher De Brincat jiehu *revolver* minn idejn l-imputat u li dan hadulu meta idejh kienet milwija lura. Qalet li l-pulizija ippruvaw jimmanettjaw lil imputat u ppruvaw inizzluh mal-art peress li kien qed joffri hafna rezistenza.

Ix-xhud kompliet tghid li hi kellmet lil Ronnie Spiteri u cioe l-persuna l-ohra sabiex tkun taf x’kien gara u <u>dan qalilha li hu kien bi kwietu u kien gie assaltat mill-imputat</u>. Qalet li Ronnie Spiteri kien stqarr maghha li wara kien mess wiccu u spicca bid-demm m’idejh u ghalhekk infurja meta ra d-demm u beda jaghti lil imputat waqt li dan kien mal-art. Ix-xhud qalet li ghalhekk l-imputat gie migbud lura mill-pulizija sabiex iwaqqfuh. Qalet li sadanitant waqqfu wkoll lil imputat u dahhluh fil-vann sabiex jappartawh minn Ronnie Spiteri peress li bdew jingemghu n-nies u l-imputat dak l-hin beda jkellem lil pulizija kollha b’mod arroganti u qalilhom sabiex inehhulu l-manetti peress li ma kien ghamel xejn u li kien ser izommhom responsabbli ghad-daqqiet li qala’. Ix-xhud qalet li huma fl-ebda hin ma messew lil imputat u kull m’ghamlu kien li ppruvaw jikkalmawh u jghidulu sabiex joqghod bil-qeghda pero peress li hu ma riedtx joqghod bil-qeghda, il-pulizija qabdu

u poggewh huma qeghdu bil-qeghda. Qalet li kienu PC 756 Johann Xuereb u PC 1244 Nicolai Sant li zammew lil imputat.

Ix-xhud issoktat tghid li hi tkellmet mal-imputat u dan ma bediex jikkopera w ghalhekk nizzluh l-ghassa peress li kien sar il-hin. Qalet li waqt li kienu hemmhekk, l-imputat beda jistieden lil pulizija ghal glied u peress li kien hemm zewg pulizija li bdew jigu mhedda mill-imputat, l-imputat beda jghid li lanqas jekk jaghmel ghaxar snin habs jew hmistax il-sena, xorta kien ser ipattihilhom. Ziedet tghid li waqt li kienu Paceville, kienet marret certa tfajla tistaqsi ghal imputat sabiex jaghtiha l-*mobile* u meta staqsewh hu rrisponda li ma kellux u wara qal li jekk riedet il-*mobile*, setghet tinzel l-ghassa ghalih. Qalet li hi kienet qalet lil din t-tfalja li kienu ser jinzlu l-ghassa ta’ San Giljan bl-imputat u hi nizlet hemm bil-karozza taghha. Ix-xhud qalet li dak l-hin mar PS 1194 Christopher De Brincat fuqha u qalilha li waqt li kienu fuq l-lok tal-glieda, dik t-tfalja kienet prezenti pero hi cahdet li kienet hemm waqt il-glieda.

L-Ispettur Therese Sciberras kompliet tghid li tkellmet ma din t-tfajla li rrilaxxjat zewg stqarrijiet li jisimha Josianne Farrugia. Qalet li Josianne Farrugia stqarret li hi kienet ghaddejja minn hdejn il-Havana flimkien mal-imputat u kien avvicinhom Ronnie Spiteri li hu l-*ex boy friend* taghha, u beda jitkellem kontra taghha pero hi kienet baqghet ghaddejja imma l-imputat waqaf u qallu ‘inti ghal Josianne qed tghid’ u minn hemmhekk beda l-argument. Josianne Farrugia qaltilha wkoll li hi kienet f’nofshom w ippruvat twaqqafhom u spiccaw fl-idejn filwaqt li hi bdiet tizgicca biex ma taqlax d-daqqiet u l-argument tant sahan li sar vjolenti li hi spiccat resqet fil-gemb. Ix-xhud kompliet tghid li waqt l-istqarrija Josianne Farrugia kienet ammettiet li bdiet izzomm lil imputat minn idejh peress li ratu jilwi idu lura u hasbet li kien ser johrog xi haga pero meta rat lil pulizija gejjin, hi telqet minn fuq il-post u marret n-naha ta’ wara, pero xorta setghet tara x’kien qed jigri. Josianne Farrugia stqarret maghha wkoll li fl-ebda hin ma rat lil pulizija jsawwtu lil imputat pero rat lil Ronnie Spiteri jaghti daqqiet lil imputat waqt li kien mal-art.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2004 xehed l-**Ispettur Carmelo Abdilla** (fol. 43) fejn qal li nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 hu kien *duty officer* San Giljan fejn gie nfurmat li kienet sehhet glieda fi Triq San Gorg ghal habta tal-hamsa jew il-hamsa w nofs ta' filghodu. Ghalhekk kien mar fuq il-post u l-ghassa kien sab lil imputat prezenti fl-awla u lil certa Josianne. Qal li dahhal lil imputat fl-ufficcju tieghu sabiex jinvestigah u wara li l-imputat gie moghti s-solita twissija, dan irrilaxxja stqarrija li esibixxa bhala Dok. SS (fol. 45 et seq). Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq kull faccata ta' din l-istess stqarrija, dik ta' PC 463 Jonathan Farrugia kif wkoll tal-imputat. Qal li hu dakinhar gie moghti wkoll minn Ronnie Spiteri, certifikat mediku rilaxxat mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira mahrug f'ismu li esibixxa bhala Dok. SS 1 (fol. 48).

Illi nhar s-sitta w ghoxrin t'Ottubru 2004 xehed **Ronnie Spiteri** (fol. 49) fejn qal li hu kien fl-istabbiliment Footloose f'Paceville u wara ftit tal-hin mar l-Havana, fejn hemm hu ra lil imputat w ghalhekk telaq minn hemmhekk u mar f'post iehor maghruf Red Square u sussegwentement minn hemmhekk mar s-Sinner's li jinstab ftit 'l fuq fejn kien hemm xi tfajliet li qaghad jitkellem maghhom u fil-pront tela' l-imputat flimkien ma certa Josianne u din qaltlu "*aw jaqq*". Ix-xhud issokkta jghid li hu dak l-hin beda joffendi lil Josianne u qabez l-imputat u staqsieh jekk kienx qed jghid lilu u hu (ix-xhud) irrispondih li mhux lilu kien qed jghid u l-imputat rega' staqsieh u x-xhud rega' qallu li mhux lilu kien qal. Qal li dak l-hin, l-imputat resaq lejh w imbuttah u hu (ix-xhud) imbuttah lura u fil-pront l-imputat hareg pistola, tah daqqtejn f'wiccu, fuq ghajnejh u fuq imniehru. Kompla jghid li mbaghad l-imputat spara lejh pero l-pistola ma haditx. Ix-xhud kompla jghid li hu mar ic-Centru tas-Sahha tal-Gzira fejn irrilaxxjawlu certifikat mediku. Qal li l-imputat hareg l-pistola minn wara u Josianne bdiet tghidlu (lix-xhud) biex joqghod attent ghaliex l-imputat kellu *revolver*. Ix-xhud kompla jghid li wara l-pulizija hatfu lil imputat u tefghuh fil-vann u lilu mbuttawh lil hinn. Spjega li waqt li l-imputat kien mal-art, hu xxuttjah darba u dan ghamlu meta ra li kellu d-demm f'ghajnejh. Meta gie muri

pistrola ta’ kulur griz esibita fl-atti, x-xhud ikkonferma li dik kienet l-istess pistola li l-imputat kellu fil-pussess tieghu dakinhar tal-incident. Qal li lil imputat kien jafu qabel dan l-incident.

|Illi nhar t-tmienja (8) ta’ Novembru 2004 xehed l-**Ispettur Stephen Mallia** (fol. 55) fejn esibixxa sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg et datata sitta (6) ta’ Settembru 2003 moghtija mill-allura Magistrat Dottor Joseph Cassar fil-konfront tal-imputat w ohrajn li giet immarkata bhala Dok. ST (fol. 57). Ikkonferma li hu kien l-ufficcjal prosekutur fl-istess sentenza w ikkonferma li l-imputat Steve Spiteri hemm imsemmi huwa l-istess imputat Steve Spiteri prezenti fl-awla.

Illi nhar t-tmienja (8) ta’ Novembru 2004 xehed **PC 628 Walter Sargent** (fol. 65) fejn qal li jumejn wara li kien gara l-kaz, hu kien xoghol l-isptar San Luqa u hin minnhom waqt li kien qed jitkellem mal-imputat, d-diskors waqa fuq il-kaz odjern u l-imputat kien qallu li skond kif jimxi mieghu l-Ispettur hu kien ser jimxi mieghu u li jekk jghafsu hu kien ser jghafas kontra l-pulizija. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu wkoll li meta johrog mill-isptar San Luqa kien ser imur l-isptar St. Philip u jgib certifikat minn hemmhekk. Ix-xhud qal li hu kien qal lil imputat li hu ma setgha jweghdu xejn pero dak li kien qed jghid, kien ser jirrappurtah lil Ispettur u hekk ghamel, informa b’dan lil Ispettur Abdilla.

Illi nhar t-tmienja (8) ta’ Novembru 2004 xehdet **Josianne Farrugia** (fol. 67) fejn qalet li fl-ghaxra t’Ottubru 2004, hi kienet Paceville vicin l-istabbilment Footloose ma ohtha u wara marru l-Havana fejn iltaqghet mal-imputat prezenti fl-awla. Qalet li wara xi hin hi u l-imputat kienu sejrin jieklu u kien hemm Ronnie Spiteri li kienet tohrog mieghu qabel u beda jghid xi diskors fuqha. Qalet li beda jghid xi diskors mhux xieraq fil-konfront taghha b’vuci gholja. Qalet li hi ma rrispondietux u baqghet miexja u Ronnie Spiteri rega’ beda jirrepeti l-istess diskors mhux xieraq fil-konfront taghha u l-imputat dar fuqu u staqsieh lil min kien qed jghid w inqalghet il-glieda bejniethom u gew fl-idejn w hi ppruvat tferraqhom. Mistoqsija mill-Qorti jekk ratx xi

forma t'arma f'idejn xi hadd minnhom, ix-xhud wiegbet li fl-ebda hin ma rat dan. Ziedet tghid li lanqas fliexken miksura ma rat.

Illi nhar t-tmienja (8) ta' Novembru 2004 xehed **PS 78 Joseph Cremona** (fol. 69) fejn qal li fl-ghaxra (10) t'Ottubru 2004, hu kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija San Giljan w ghal habta tad-disgha ta' filghaxija tad-disgha (9) t'Ottubru, u l-hamsa ta' filghodu tal-ghaxra (10) t'Ottubru 2004, hu kien xoghol Paceville flimkien ma xi ufficcjali tal-korp tal-pulizija fosthom PS 1244 Nicolai Sant. Qal li huma kienu qed jaghmlu ronda dwar liema hwienet kienu miftuhin u mill-boghod raw persuna diehla fil-vann w appena waslu fuq il-post, il-pulizija l-ohra nfurmawhom li kienu ghadhom kemm arrestaw lil persuna li kellha arma f'idejha u kien ippuntaha lejn persuna ohra. Qal li l-imputat ittiehed l-ghassa u hu tkellem mal-pulizija li kienu nvoluti direttament ma dan l-incident kif wkoll ma Ronnie Spiteri li kien fil-kumpanija ta' certu Malcolm Mifsud li wkoll tah l-versjoni tal-fatti tieghu.

Qal li Ronnie Spiteri kien qallu li waqt li kien qed jiehu pizza bil-qeghda fuq bankina vicin l-istabbiliment Peroz, kien mar l-imputat, hareg pistola u tah daqqa fuq rasu w ippunta l-pistola lejh. Qal li Ronnie Spiteri kien qallu li l-imputat kien ipprova anke jisparalu w il-pulizija dak il-hin marru jigru w intervjenew. Ix-xhud zied jghid li l-imputat dak l-hin kellu ferita fuq mohhu u hadu l-poliklinika. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. PS (fol. 71).

Illi nhar t-tmienja (8) ta' Novembru 2004 xehed **Malcolm Mifsud** (fol. 73) fejn qal li hu kien ma Ronnie Spiteri f'Paceville bil-qeghda jieklu pizza hdejn l-istabbiliment Peroz nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 meta f'daqqa wahda telghet certa Josianne li kunjomha ma kienx jafu, u lil Ronnie Spiteri qaltlu "*aw jaqq*". Qal li Ronnie Spiteri wegibha bi kliem hazin w ghadda certu Stephen u lil Ronnie Spiteri, Josianne qaltlu '*tillatikax ma Stephen*' ghax Stephen kellu arma fuqu. Qal li Ronnie Spiteri gie mbuttat zewg passi lura mill-imputat u l-imputat hareg

arma minn wara w appena ghamel hekk, gew il-pulizija mill-ewwel fuqu. Qal li l-arma kienet pistola sewda.

Illi nhar t-tmienja (8) ta’ Novembru 2004 xehed **PC 468 Lennox Vella** (fol. 75) fejn qal li nhar l-ghaxra t’Ottubru 2004 hu kien stazzjonat Paceville w appena beda l-kaz in ezami ghal habta tal-hamsa ta’ filghodu, hu kien fil-vann quddiem. Qal li kien hemm kommozzjoni wara l-vann u dar mal-vann ghal quddiem l-‘Insomnia Bar’ fejn sab lil imputat presenti fl-awla mizmum mill-pulizija w appena nizzluh mal-art f’daqqa wahda inqala’ bniedem iehor li kien mal-hajt, aktarx jismu Ronnie, u ta xi hames jew sitt daqqiet ta’ sieq lil imputat. Qal li l-Ispettur Therese Sciberras resqet lura lil Ronnie Spiteri u l-imputat iddahhal fil-vann. Qal li hu ra pistola f’idejn Chris de Brincat.

Illi nhar t-tnax (12) ta’ Novembru 2004 xehdet **WPC 183 Silvana Zammit** (fol. 78) fejn qalet li nhar l-ghaxra t’Ottubru 2004 hi kienet stazzjonata Paceville w ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ filghodu kienet qeghda hdejn il-vann tal-pulizija, u wara ftit nnutat li kien hemm tnejn minn nies jiggieldu u hi flimkien ma PC 1194 Christopher de Brincat u PC 463 Jonathan Farrugia kienu hdejn xulxin u hin minnhom semghu tfajla li kienet hdejn dawn l-irgiel li kienu qed jiggieldu u bdiet tghid ‘*le... le... le...*’ w appena tellghet rasha nnutat li wiehed mill-irgiel kien hareg xi haga minn wara dahru u semghet lil PC 1194 Christoper de Brincat jghid li din il-persuna kellha arma. Qalet li ghalhekk PC 1194 Christopher de Brincat u PC 463 Jonathan Farrugia qabzu ghal fuq din il-persuna li gharaf presenti fl-awla bhala l-imputat odjern u hadulu l-arma minn idejh filwaqt li l-persuna ohra giet mizmuma. Qalet li hi minnufih marret iggib il-manetti u l-imputat gie mpoggi mal-art minn PC 1194 Christopher de Brincat u PC 463 Jonathan Farrugia u waqt li PC 1194 Christopher de Brincat hadlu l-arma u nehha l-*bullets* minnha, PC 463 Jonathan Farrugia ghamillu l-manetti. Qalet li nel frattemp giet il-persuna l-ohra u cioe dik li maghha kellu xi jghid l-imputat u beda jaghti bis-sieq lil imputat. Qalet li f’dak il-hin, l-<u>imputat kellu l-manetti fuqu w ghalhekk sar aktar aggressiv w ghalhekk gie mdahhal fil-vann w anke</u>

<u>hemmhekk, baqa jaghti mal-vann u jhedded lil Ispettur Therese Sciberras li kienet mieghu.</u>

Illi nhar t-tnax (12) ta' Novembru 2004 xehed **PC 352 Keith Borg** (fol. 80) fejn qal li nhar l-ghaxra (10) t'Ottubru 2004 ghal habta tal-hamsa w kwart ta' filghodu kien fi Triq San Gorg, Paceville *night watch* u waqt li kien hdejn il-vann tal-pulizija, semgha lil xi kollegi tieghu jigru u semgha lil xi hadd jghid li kien hemm xi glieda. Ghalhekk, kompla jghid ix-xhud, hu mar jigri fid-direzzjoni taghhom u ra individwu mal-art u zewg kollegi tieghu fuqu jippruvaw johdulu arma tan-nar. Qal li b'dan pero induna wara li kienet arma. Zied jghid li meta mar jigri fuq dan l-individwu li kellu l-arma tan-nar, ra persuna ohra li kien qed jaghtih bis-sieq w ghalhekk beda jzommu. Ix-xhud ikkonferma li l-persuna li kienet mal-art u li kellha l-arma fuqha, kien l-imputat prezenti fl-awla.

Illi nhar t-tnax (12) ta' Novembru 2004 xehed **PC 376 Andrew Grech** (fol. 82) fejn qal li nhar l-ghaxra (10) t'Ottubru 2004, hu kien *night watch* Paceville u ghal habta tal-hamsa w kwart ta' filghodu u xi kollegi semghu lil PC 1194 Christopher de Brincat u lil PC 756 Johan Xuereb jigru fid-direzzjoni ta' persuna. Qal li hu kien vicin PC 352 Keith Borg hdejn il-vann w appena semghu l-ghajjat, huma grew warajhom w hemmhekk sabu lil PC 1194 Christopher de Brincat u lil PC 756 Johann Xuereb izommu persuna mal-art liema persuna kkonferma li hi dik prezenti fl-awla bhala l-imputat. Qal li f'daqqa wahda ra lil PC 1194 Christopher de Brincat jiehu arma minn idejn l-imputat w ghalhekk marru hdejn l-vann meta fid-daqqa w l-hin, kien hemm persuna li sussegwentement sar jaf li kien jisimha Ronnie Spiteri, li beda jaghti xi daqqiet lil imputat fuq saqajh.

Illi nhar t-tnax (12) ta' Novembru 2004 xehed **PC 756 Johan Xuereb** (fol. 84) fejn qal li nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 hu kien *night watch* Paceville u fil-hamsa ta' filghodu waqt li kien hdejn l-vann tal-pulizija, semgha mara tghajjat '*le... le... le...*' w appena dawwar wiccu ra tnejn minn nies jiggieldu u mara zzomm lil imputat. Qal li ghalhekk mar jigri u sakemm wasal, l-imputat prezenti fl-

awla kien diga hareg arma u taha daqqa ta’ manku f’wicc persuna ohra u wara dawwar l-istess arma, ghamilha ma rasu pero ma haditx.  Qal li dak l-hin hu ra lil PC 1194 Christopher de Brincat gej minn wara.  PC 756 Johann Xuereb qal li hu kien vicin hafna tal-imputat meta spara lura lil PC 1194 Christopher de Brincat ser jaqbez fuq l-imputat u hu qabez fuqu wkoll u PC 1194 Christopher de Brincat hataf l-id il-leminija tal-imputat filwaqt li hu zammu.  Qal li x’hin induna li PC 1194 Christopher de Brincat kien hadu l-arma minn idejh, hu pogga lil imputat mal-art u beda jzommu mal-art.  Qal li dak l-hin mar Ronnie Spiteri u beda jaghti bis-sieq lil imputat u wara ftit marru xi pulizija jzommuh u marret wkoll WPC 183 Silvana Zammit bil-manetti u l-imputat iddahhal fil-vann.  Qal li meta dan iddahhal fil-vann kien aggressiv hafna u beda jattakka lil Ispettur Therese Sciberras.  Ix-xhud kompla jghid li sabiex zamm lil imputat, spicca weggha idu mal-hadida tal-vann u f’dan ir-rigward esibixxa certifikat mediku li juru l-feriti li sofra biex razzan lil imputat liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. X.

Illi nhar t-tnax (12) ta’ Novembru 2004 xehed **PC 1268 Ivan Caruana** (fol. 87) fejn qal li nhar l-ghaxra t’Ottubru 2004 hu kien xoghol *first watch* mill-hamsa ta’ filghodu sas-siegha ta’ wara nofsinhar fl-ghassa tal-pulizija Sliema pero gie ordnat jakkumpanja lil imputat l-isptar. Qal li sussegwentement waqt li l-imputat kien qed jigi nvistat mit-tabib, l-imputat beda jimminaccjah u jghidlu li kien ser igib tal-familja u jaraw x’kienu ghamlulu.  Qal li ghalhekk hu nforma lil Ispettur b’dan li kien semgha lil imputat jghid u dan sabiex possibilment jintbaghtu aktar pulizija mieghu.  Qal li l-imputat kien wkoll aggressiv mat-tobba waqt li kienu qed jikkurawh.

Illi nhar t-tnax (12) ta’ Jannar 2005 xehed **Paul Scicluna** (fol. 93) fejnipprezenta l-Letter to Prosecute mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fil-konfront tal-imputat odjern datata tnejn ta’ Dicembru 2004 bhala Dok. A (fol. 95)

Illi nhar t-tnax (12) ta’ Jannar 2005 xehed **PS 1244 Nicolai Sant** (fol. 100) fejn qal li nhar l-ghaxra t’Ottubru 2004 hu kien stazzjonat Paceville flimkien ma PS 78

Joseph Cremona jduru l-hwienet biex jaccertaw li jkunu kollha maghluqa u meta kienu nezlin minn Triq Elia Zammit, fejn hemm l-venda tal-karozzi tal-linja, quddiem l-istabbiliment Burger King kien hemm vann tal-pulizija pparkjat u dak l-hin kienu qed idahhlu persuna fil-vann. Ghalhekk zied jghid x-xhud, marru mill-ewwel hdejhom biex jaraw x'kien qed jigri. Qal li dak l-hin hu fehem li kienu arrestaw persuna peress li qabduh fil-pussess t'arma tan-nar. Qal li din l-arma tan-nar kienet tal-ghamla *revolver* bil-*barrel* u kellha fiha hames *bullets*. Qal li l-persuna li ddahlet fil-vann kien l-imputat prezenti fl-awla. Qal li huma kellmu lil imputat w ikkonferma li hu kien li nizzlu l-ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. Z (fol. 102).

Illi nhar t-tnax (12) ta' Jannar 2005 xehed **PC 463 Jonathan Farrugia** (fol. 104) fejn wara li ra l-istqarrija esibita bhala Dok. SS a fol 45 et seq tal-atti, rilaxxjata nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 mill-imputat, ikkonferma li din giet rilaxxjata mill-istess imputat prezenti fl-awla. Ikkonferma wkoll il-firma tieghu kif ukoll dik ta' l-Ispettur Carmelo Abdilla fuq kull faccata taghha, liema stqarrija tikkonsisti fi tlett faccati.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar 2005 xehed l-**Ispettur Stephen Mallia** (fol. 111) fejn meta gie muri s-sentenzi moghtija mill-Imhallef Joseph Galea Debono nhar l-erbgha ta' Novembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Spiteri u nhar l-erbgha (4) ta' Novembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Spiteri et liema sentenza tinsab esibita a fol 96 et seq tal-atti odjerni, ikkonferma li hu kien l-Ufficcjal Prosekutur fl-istess sentenzi w ikkonferma li l-imputat hemm imsemmi huwa l-istess imputat prezenti fl-awla.

Illi nhar t-tlettax (13) t'April 2005 xehed l-**Brigadier Maurice Calleja** (fol. 120) fejn qal li hu kien gie nominat mill-Qorti b'digriet tat-tnax (12) ta' Jannar 2005 bhala espert ballistiku sabiex jezamina il-pistola li giet elevata minn fuq il-persuna tal-imputat gewwa Paceville w ipprezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok. MB (fol.122 et

seq). Qal li l-pistola li hu ezaminha ma kienitx tispara fis-sens li kellha molla maqlugha u li kien ilha maqlugha.

Illi nhar l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2005 xehed **Martin Debattista** (fol. 136) fejn ghan-nom tad-Dipartment tad-Dwana esibixxa l-Letter to Prosecute datata erbatax ta' Dicembru 2004 bhala Dok. D. (fol. 138) kif wkoll s-*seizure note* bhala Dok. D 1 (fol.139).

Illi nhar l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2005 xehed **Carmel Cremona** (fol. 140) fejn qal li hu jahdem bhala *volunteer* mal-Caritas u li ilu jokkupa din il-kariga ghal dawk l-ahhar tlett snin. Qal li jekk bniedem ikun irid jidhol mal-Caritas irid isirlu *assessment* u wara jaghmel *assessment* biex jara jekk hux lest li jaghmel programm. Qal li dan hu l-bord tal-habs u fuqu hemm rappresentant tal-Caritas. Saritx rakkomandazzjoni jew le f'dan il-kaz ma setghax jghid.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Gunju 2005 xehdet **WPC 244 Oriella Degabriele** (fol. 143) fejn wara li rat d-Dok. S ikkonfermat li dak hu *print out* mill-*computer* taghhom li jindika li l-karta tal-identita bin-numru 435381M tghajjat lil Stephen Spiteri u li din il-persuna m'ghandhiex licenzji mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iggorr strument bil-ponta u li jaqta.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Gunju 2005 xehed **Anthony Schembri** (fol. 145) fejn ghan-nom tal-Bord li jikkonsidra applikazzjonijiet sabiex *inmate* fis-CCF jaghmel xi programm kontra r-rihabilitazzjoni tad-droga ikkonferma li l-imputat ghamel applikazzjoni li qed tkun ipprocessata. Qal li dan il-Bord jiltaqa kull xahar u f'Mejju ddiskutew l-applikazzjoni tal-imputat u din intbaghtet ghal Gunju sabiex isiru *assessments* minn nies kompetenti. Qal li l-bord ghadu ma ddecidiex liema agenzija kellha tassessja lil imputat.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Novembru 2005 rega' xehed l-**Ispettur Stephen Mallia** (fol. 163) fejn esibixxa bhala Dok. SM (fol. 165) kopja ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar nhar l-ghaxra ta'

Settembru 2003 fil-konfront tal-imputat prezenti fl-awla w ohrajn. Ikkonferma li hu kien l-Ufficcjal Prosekutur f'din is-sentenza u gharaf lil imputat imsemmi f'dik is-sentenza bhala l-imputat prezenti fl-awla.

Illi nhar d-disgha (9) ta' Jannar 2006 xehed **Doctor Andrew Agius** (fol. 177) fejn qal li hu kien ezamina lil certu Ronnie Spiteri nhar d-disgha (9) t'Ottubru 2004 fil-Gzira Health Center fejn l-istess kien qed isofri minn ferita miftuha centimetru fuq l-ghajn tax-xellug u kellu wkoll tbengil fuq ix-xoffa fuq in-naha ta' fuq ta' gewwa. Qal li dak l-hin hu kklassifika l-feriti bhala griehi ta' natura hafifa.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'April 2006 xehed **Doctor Dino Vella Briffa** (fol. 200) fejn qal li hu kien gie nominat minn din il-Qorti sabiex jaghmel ezami mediku fuq certu Ronnie Spiteri u jistabilixxi n-natura tal-feriti li kellu fuq mohhu. Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. CP (fol. 204). Esibixxa wkoll ritratt mehud minnu stess nhar t-tmintax t'April 2008 li gie mmarkat bhala Dok. CP 1 (fol. 206) li juri l-feriti li kellu l-imsemmi Ronnie Spiteri w ikkonferma li hu kien ezamina lil Ronnie Spiteri nhar t-tmintax t'April 2008 fl-isptar Boffa. Ikkonferma li fil-fatt Ronnie Spiteri kellu sfregju fuq moħħu kif jirrizulta mir-ritratt esibit Dok. CP 1. Spjega li dan l-isfregju li ghandu mhux relatat mal-aggressjoni li qala' minghand l-imputat. Qal li mill-informazzjoni moghtija lilu minn Ronnie Spiteri, l-aggressjoni saret f'Settembru 2004. Qal li f'Settembru 2005 mill-istess informazzjoni li gabar mill-isptar San Luqa mill-istorja, l-istess Ronnie Spiteri waqa sular u nofs u kellu feriti fuq mohhu u hafna bnadi ohra w ghalhekk l-isfregju li hemm indikat fuq r-ritratt Dok. CP 1, huwa relatat ma dan l-incident tal-waqa. Qal li skond ma qallu Ronnie Spiteri dwar l-incident li l-imputat huwa akkuzat bih illum, hu kien qala' daqqa b'manku ta' *revolver* fuq hugbejh x-xellugija u gie mehud l-poliklinika tal-Gzira w ghamlulu *steristrips, tape adhesive* u lanqas kien hemm bzonn li jsirlu punti. Qal li din l-ferita hija mitlufa f'ocean ta' feriti ohra u ma setghax jghid liema hu l-isfregju li gie kagunat mir-*revolver* u lanqas l-istess Ronnie Spiteri ma setgha jghidu dan. Qal li Ronnie Spiteri kien ilmenta mieghu dwar nefha li kellu fuq l-ghadma fejn

kellu l-feriti kagunata b'dan r-*revolver* pero meta hu ra l-istorja li ghandu Ronnie Spiteri fl-isptar San Luqa, rrizulta li l-istess Ronnie Spiteri mal-waqa' li kellu sena wara kien kiser proprju dik l-ghadma. Qal li mill-esperjenza tieghu ta' konsulent dermatologu, meta ferita tiddewwa bi *sterstrips*, bhala procedura ma thallix marki.

Illi nhar l-hmistax (15) ta' Frar 2008 xehed **l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** (fol. 256) fejn qal li nhar l-ghaxra t'Ottubru 2004 hu kien hareg ma Josette Farrugia, oħt Josette li jisimha Kimberly u certu Joe kunjomu ma jafux u waqt li kienu telghin l-istabbiliment Havana fi Triq San Gorg, marru zewg guvintur, wiehed minnhom Ronnie Spiteri u persuna ohra li ma jafhix u bdew jindirizzaw lil Josette Farrugia b'arroganza kbira u bdew jhedduha u jkellmuha hazin minn naha tat-triq ghal ohra u f'hin minnhom qasmu ghan-naha taghhom. Qal li dak l-hin hu gie mbuttat minn Ronnie Spiteri minn wara u kien ser imiss idu ghal wara tieghu. Qal li jaf li hu hadlu minn idejh xi haga tal-hadid pero ma kienx jaf x'hini u dak l-hin waslu l-pulizija fuq il-post. Qal li minn meta nqala l-incident u gew il-pulizija, ghaddew biss sekondi w aktar dam l-glied bit-tilwima milli tlewwmu bl-idejn.

Qal li dawn bdew ikellmuha b'mod pastas u baxx u bdew jghidu kliem li Josette Farrugia kellha relazzjoni mieghu u kienet hassret minn mieghu u kien offiz. Qal li hu kien jafhom qabel pero lil dawn in-nies billi kien jarhom Hal Far peress li hu dilettant tal-karozzi u peress li kien jghamilha mal-kugini taghhom qabel. Qal li wara l-incident hu kien qala xebgha kbira minghand hames pulizija li effettivament xehdu f'dawn il-proceduri. Qal li meta qala din x-xebgha, hu spicca l-isptar b'ugiegh f'gembu. Zied jghid li l-arma kienet tieghu u li dawn qalu li hu beda jipprova jisparaha meta ma kienx minnu. Qal li hu stess lanqas biss kien jaf x'kienet l-arma. Qal wkoll li dakinhar hu kien xurban. Qal li wara l-incident hu kien dahal l-habs u li kien qed jistenna appell mill-Qorti tal-Magistrati rigward serq tal-karozza ufficcjali.

In difiza tieghu l-imputat ressaq is-segwenti ufficcjali tal-Pulizija:-

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Marzu 2008 xehed s-**Supretendent Pierre Calleja** (fol. 262) fejn qal li lill-imputat Steve Spiteri jafu u gieli nvestigah peress li anke ricenti kien ghadda xi informazzjoni lill-pulizija, informazzjoni li a bazi taghha l-pulizija rnexxielha ssolvi iktar reati. Qal li kellu nformazzjoni ohra li ghalkemm giet mghoddija lilu, ir-rizultat ma kienx daqstant posittiv. Mistoqsi jekk jafx jekk id-digriet tal-Qorti tas-seduta precedenti u cioe tal-hmistax ta’ Frar 2008 wasalx ghand il-Kummissarju tal-Pulizija wiegeb li effettivament kien wasal. Qal li dan l-istess digriet wasal ghandu u beda jinvestiga fuq informazzjoni li giet mghoddija mill-imputat u din hija kwazi konkluza, baqa’ biss li tigi mitkellma persuna wahda u imbaghad tigi konkluza. Qal li mill-persuni kollha li l-imputat stqarr maghhom, persuna wahda biss kien jonqos li tigi nvestigata liema persuna hija ta’ nazzjonalita barranija u kien iktar difficli ghalihom sabiex jirrintraccjawha. Zied jghid li l-ufficjal inkarigat b’din l-investigazzjoni kien l-Ispettur Jeffrey Cilia w ipprometta li fis-seduta li jmiss jaghti spjegazzjoni lill-Qorti x’sar f’din l-investigazzjoni.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Lulju 2008 xehed l-**Ispettur Carmelo Magri** (fol. 267) fejn qal li lil imputat kien jafu tramite x-xoghol tieghu. Qal li ma kienetx l-ewwel darba li nvestiga lil imputatu fil-fatt sahansitra kien anke l-*informer* tieghu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ezitu fuq informazzjoni li kien ghadda lil pulizija l-imputat, wiegeb li dak li effettivament kien qallu l-imputat, hu kien diga jafu w ghalhekk ma kien wasslu ghal ebda tkixxif. Qal li pero kien hemm darba ohra meta l-imputat kien qallu li jista jgiblu provi ohra fil-konfront ta’ reati ohra, pero fil-fatt qatt ma resaq u tah xi nformazzjoni li kien weghdu li ser jaghtih.

Rat illi meta gew mibghuta l-artikoli mill-Avukat Generali nhar it-tmienja (8) ta’ Gunju 2006, l-Avukat Genrali ghogbu jnaqqas l-akkuzi moghtija originarjament lill-imputat meta kien tressaq il-Qorti b’dan illi m’akkuzahx bir-reat ta attentat ta’ omicidju volontarju, Il-bqija pero il-Qorti tinnota li l-akkuzi baqghu l-istess l-aktar wahda serja

dik li ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta Ronnie Spiteri.

Ikkunsidrat:

Ta min jfakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - *pg. 234 Vol III* jghid:

*"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

Illi bla dubju ta\ xejn l-Prosekuzzjoni pprovat li verament kien hemm glieda gewwa Paceville bejn l-imputat odjern u Ronnie Spiteri, li verament Ronnie Spiteri spicca ferut mill-aggressur tieghu l-imputat odjern, li verament l-imputat kellu arma tan-nar fuqu meta ma kienx hekk licenzjat mil-Kummissarju tal-Pulizija, li verament ma thalsitx dazzju u VAT fuq din l-arma u li verament hebb inguja hedded u attakka lid diversi ufficcjali tal-Pulizija.

Illi bhala fatti ma jidhirx li huma kontestati minn dak li semghet lid-difiza tghid. Id-difiza pero tistqarr li dan kollu gara ghaliex l-imputat kien ipprovokat fl-ghemil tieghu ghaliex l-vittma Ronie Spiteri li kien l-*ex boyfriend* tat-tfajla li kienet fil-kumanija tieghu giet insulentata minnu. Ma jidhirx li dan l-istat ta' fatt u cioe li Ronie Spiteri qal xi kliem zejjed fil-konfront ta' Josianne Farrugia meta din kienent fil-kumpanja tal-imputat.

Id-difiza ghalhekk issostni li dak li ghamel l-imputat fil-konfront ta' Ronnie Spiteri kien biss reazzjoni ghall-ghemil inaspettat ta' dan Ronnie Spiteri.

Il-Qorti ghalhekk rat l-artikolu 230(b) tal-Kap 9 u rat ghalhekk li l-iskuzanti msemmija fl-artikolu 227(c) fil-kazijiet t'omicidju voluntarju japplika wkoll ghal kazijiet ta' offizi fuq il-persuna, kawzati b'mod voluntarju u hu

appuntu ghalhekk li din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal din id-disposizjoni tal-ligi.

L-artikolu 227(c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

*“Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha."*

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li:-

*“Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni stantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difiza fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:

*“The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni stantanja w omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal*

*violence of temper.* U appuntu ghalhekk illi llum ghandna l-artikolu 227(c); sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata nkapaci li tifforma l-hsieb jekk jesistu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat t'intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament normali u ordinarju ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjiegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju. Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubbblika ta' Malta v Martin Galea** li gie deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-*test* li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-artikolu 227(c) l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni irid ikun hemm bhal ma jistqarr l-artikolu 227(a) cioe ferita gravi.

Ghaldaqstant minhabba dan n-nuqqas jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni. Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe mill-artikolu 229:-

*“Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew ecitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-*noti* tieghu taht t-titolu *Crimes from sudden passion* - pg. 121 jghid:-

*"That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

Fir-raba lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe li ma jiswewx lil hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju *sine qua non* li l-qtil jew l-offizi saru immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 jghid:

*"Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* giet mehuda mill-indirizz moghti mill-Imhallef Derlin fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal:-

*"Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a*

*sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

Illi ghalhekk il-Qorti issa trid tara jekk dak li ghamel l-imputat u cioe li kkaguna ferita fuq Ronnie Spiteri hux skuzabbli taht din il-linja difensjonali ai termini tal-arltikolu 227(c), imressqa mill-avukat difensur.

Issa minn apprezzament tal-istqarrija riaxxjata mill-imputat a tempo vergine jirrizulta li kien l-imputat li habat ghal Ronnie Spiteri l-ewwel u dan wara li l-istess Ronnie Spiteri kien ghajjar lil Josianne Farrugia u lilu. Qal li kien jaf li Spiteri ikun armat u ghalhekk hebb ghalih hadlu xi haga min idejh u remiha ‘l hemm. Qatt ma qal li gie attakkat minnu fizikament meta hebb ghalih jew li kellu jahbat ghalih sabiex jilqa id-daqqiet li seta qala. Qal li habat ghalih ghax hass ruhu ingurjat.

Ikun ghalhekk utli f’dawn ic-cirkostanzi li Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija recentement fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Charles Cachia*** deciza mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-sbatax (17) ta' Frar, 1999 fejn il-Qorti cahdet din l-linja difensjonali ghaliex hasbet li ma kien hemm xejn fl-istqarrija tal-akkuzat li imqar minimament tindika li waqt li kien qed jaghti lil terzi, kien mitluf b'tali mod li ma kienx kapaci jirrealizza l-konsegwenzi ta' ghemilu u proprju dan huwa l-kaz in ezami ghaliex ma hemm xejn li jindika l-agitazzjoni tal-mohh tal-imputat, w ghaldaqstant din il-linja difensjonali qed tigi michuda.

Dwar t-tieni linja difensjonali u cioe dik li l-imputat agixxa in legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u cioe:-

“*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

L-artikolu 224 tal-Kap 9 jsemmi certi kazijiet (li taht l-ebda immaginazzjoni hi ezawrijenti) ta' necessita attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li d-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Fil-fatt l-Imhallef Harding fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Joseph Attard*** deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968 jghid:-

*"L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu indikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jisab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghawx jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-*test* soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew xi jmissu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo**:-

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument, cioe ingurjat meta ghajru Ronnie Spiteri sitwazzjoni li ma holoqhiex l-imputat, izda holoqha Ronnie Spiteri bl-agir tieghu. Zgur pero li l-agir ta Ronnie Spiteri ma kienx wiehed daqstant feroci li l-imputat ma setax jikkontrolla tant li kellu johrog arma u jghati daqqa biha u sussegwentement jispara. Dan zgur mhux il-kaz ta' *self defense* izda agir intenzjonat tal-imputat li rieg jikkaguna l-hsara fuq il-persuna tal-vitma u huwa appuntu ghalhekk li din il-linja difensonali ukoll qed tigi michuda.

L-imputat huwa wkoll akkuzat b'dak li hemm dispost fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 u cioe talli voluntarjament kiser il-bon ordni w l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Pio Galea*** deciza fis-sbatax ta' Ottubru, 1997, fejn gie ritenut li biex ikun hemm dan r-reat irid ikun hemm bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba ta' possibilita li reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Illi dwar l-akkuza l-ohra u cioe dik naxxenti mill-artikolu 339(1)(d) u cioe li hebb ghal Ronnie Spiteri sabiex jdejjqu, jingurjah jew jghamillu hsara u dan meta hebb ghalih b'arma, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fid-disgha ta' Mejju, 1997 mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Pace** fejn gie ritenut li din l-kontravenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingjurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi

disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra, m'hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm l-potenzjalita ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik l-persuna l-ohra.

Forsi t-*test* Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar l-kuncett ta' hebb -

*"Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others...'*

Issa fil-kaz in ezami l-imputat mhux talli zamm id-distanza tieghu izda gie fl-idejn mal-vittma.

Dwar l-akkuza u cioe dik li l-imputat kellu arma tan-nar minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija kif kontemplata fl-artikolu 3(1) fl-Ordinanza tal-Armi, l-Qorti thoss li din ukoll giet ippruvata b'mod sodisfacenti peress li l-Prosekuzzjoni ressqet rappresentant tal-Kummissarju jixhed u jikkonferma li l-imputat qatt ma kellu xi licenzja ghal dan l-ghan u cioe li igorr arma tan-nar.

Dwar l-akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tal-VAT u tad-Dwana jirrizulta li l-imputat veru kellu arma tal-ghamla Smith and Wesson tal-kalibru .38mm u li fuqha id-dazju u l-VAT ma kienux gew imhallsa.

Illi l-imputat fl-ebda hin ma pprova igheleb il-presunzjoni li hemm fuqu mill-ligi sabiex ighid li id-dazzju u l-VAT kienu gew imhallsa w ghalhekk tali akkuza hija wkoll provata.

Dwar l-akkuzi l-ohra u cioe li l-imputat hedded, ingurja u hebb ghall-ufficcjali pubblici dawn jirrizultaw ampjament u l-Qorti tikkundanna bi kbir dawn it-tip t'akkuzi fuq ufficcjali tal-pulizija li kkunu barra fil-hinijiet bikrin ta' filghodu fit-toroq sabiex jipprotegu c-cittadini u minflok jigu assaltati w insultati ghal xejn b'xejn. Dan l-atteggjament fuq ufficcjali pubblici zgur li ma jistghux jigu accettati f'socjeta demokratika w ghalhekk trid tkun din il-Qorti li tipprotegihom.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli Artikoli 214, 18, 95, 96, 97, 98, 338(ee)(dd)(bb), 342, 339(1), 49, 50 u 3833 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-artikolu 26, 3(1), 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Armi u l-artikoli 82(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-proviso u l-artikolu 60(a)(b)(c)(k) tal-Ordinanza tad-Dawna u l-artikolu 80 tal-Att dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u **tiddikjara li qed ssib lil imputat STEVE SPITERI hati tal-akkuzi kif addebitati kontra tieghu.**

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa ghandu fedina penali riflettarja b'diversi akkuzi registrati fuqha sa mis-sena 2001 sas-sena 2004 u dan ghaliex il-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta fedina penali aggornata. Dan qed jinghad ghaliex fl-atti hemm sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat wara din is-sena 2004 fejn instab hati u sahansitra anke mibghut jiskonta sentenza il-habs. Minn ezami taghha jirrizulta li l-imputat diga nstab hati ta' diversi akkuzi ta' serq, feriti fuq terzi persuni, ngurji u nuqqas t'obbedjenza fuq ufficcjali pubblici, ricettazzjoni hsara voontarja u xi ohrajn.

Illi l-imputat ma tghallimx mill-izbalji tieghu u rega' qieghed il-Qorti akkuzat li kiser duffejh mal-ligi.

Din il-Qorti, 'n vista tas-sentenza esebiti u tal-konferma tal-identita tal-imputat f'dawn is-sentenza, qieghda wkoll tiddikjara li qed issib ill-imputat hati talli huwa recidiv.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li ma tistax tkun klementi mieghu fl-ghoti tal-piena li sejra terroga.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tiddikjara li qed issib lill-imputat STEVE SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati konta tieghu u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija.**

**Oltre dan tordna li jhallas multa ta' hames mija tnejn u tmein euro u tlieta u erbghin euro centesmu lil Gvern ta' Malta u tordna li terz minn din il-multa ghandu jigi kunsidrat li huwa dejn civili w ghalhekk dovut lid-**

**Dipartiment tad-Dwana ai termini tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kap 37.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Brigadier Maurice Calleja [fol. 125] u Doctor Dino Vella Briffa [fol. 205] fl-ammont komplessiv ta' mitejn tmienja w ghoxrin euro [€228] u dan fi zmien sitt xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Tordna l-konfiska tal-arma u l-*bullets* esebiti a favur tal-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------